32007E0147

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/147/PESK

tas-27 ta' Frar 2007

li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (l-Operazzjoni EUFOR RD Congo) ([1]).

(2) L-operazzjoni militari ġiet varata fit-12 ta' Ġunju 2006 permezz tad-Deċiżjoni 2006/412/PESK ([2]) u ntemmet fit-30 ta' Novembru 2006 kif stabbilit fl-Artikolu 15(2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK. Sussegwentement il-forzi kollha ġew trasferiti miż-żona ta' l-operazzjonijiet.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ([3]) (Athena) tiddetermina l-proċeduri ta' verifika u preżentazzjoni tal-kontijiet ta' operazzjoni.

(4) Skond l-Artikolu 15(3) tagħha, l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK għandha tiġi mħassra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK hija b'dan mħassra. Dan m'għandhux jaffettwa l-proċeduri previsti fid-Deċiżjoni 2004/197/PESK dwar il-verifika u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' l-operazzjoni.

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
P. STEINBRÜCK

([1]) ĠU L 116, 29.4.2006, p. 98.

([2]) ĠU L 163, 15.6.2006, p. 16.

([3]) ĠU L 63, 28.2.2004, p. 68. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/91/PESK (ĠU L 41, 13.2.2007, p. 11).